REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 172/2010

tal-1 ta' Marzu 2010

li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tal-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti [Prekmurska gibanica (STG)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 509/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel bħala speċjalitajiet tradizzjonali garantiti [1], u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 9(4) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel inċiż tal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 509/2006 u b'applikazzjoni tal-Artikolu 19(3) tar-Regolament imsemmi, it-talba tas-Slovenja biex id-denominazzjoni "Prekmurska gibanica" tiġi rreġistrata ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [2].

(2) Ladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 509/2006, din id-denominazzjoni għandha tiġi rreġistrata.

(3) Fit-talba ntalab ukoll li tiġi applikata l-protezzjoni msemmija fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KE) Nru 509/2006. Din il-protezzjoni għandha tingħata lid-denominazzjoni "Prekmurska gibanica" fis-sens li, ladarba ma kienx hemm oġġezzjoni, ma setax jintwera li l-isem kien użat b'mod legali, magħruf u ekonomikament sinifikanti għal prodotti agrikoli jew għal oġġetti tal-ikel simili,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament hija rreġistrata.

Il-protezzjoni msemmija fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KE) Nru 509/2006 għandha tapplika.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Marzu 2010.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

[1] ĠU L 93, 31.3.2006, p. 1.
[2] ĠU C 138, 18.6.2009, p. 9.

ANNESS

L-oġġetti tal-ikel imsemmija fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 509/2006:

Klassi 2.3. Ħelu, ħobż, prodotti moħmija, prodotti tad-dulċiera, galletti u gallettini

IS-SLOVENJA

Prekmurska gibanica (STG)

L-użu tad-denominazzjoni huwa riservat.